

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Jannar 2020 – Il-Litwanja vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-19/18) <sup>(1)</sup>

**(“FAEG u FAEŻR – Spejjeż esklużi mill-finanzjament – Spejjeż magħmula mil-Litwanja – Korrezzjonijiet finanzjarji ta’ darba u b’rata fissa – Żvilupp rurali – Sistema ta’ kontroll tal-kundizzjonalità – Kontroll amministrattiv – Kontroll fuq il-post – Kwalità tal-kontrolli – Kwalità tal-applikanti – Kundizzjonijiet maħluqa artifiċjalment – Natura raġonevoli tal-ispejjeż – Spejjeż magħmula fil-kuntest ta’ proġetti – Analiżi tar-riskji – Fatturi ta’ riskji – Tolleranza fil-qasam ta’ sanzjonijiet mhux previsti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni – Sistema ta’ evalwazzjoni u ta’ sanzjonijiet wisq klementi – Data statistika ta’ annwali ta’ kontroll”)**

(2020/C 77/60)

Lingwa tal-kawża: il-Litwan

**Partijiet**

*Rikorrent:* Ir-Repubblika tal-Litwanja (rappreżentanti: R. Dzikovič, V. Vasiliauskienė, M. Palionis u A. Dapkuvienė, aġenti)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Sauka, A. Steiblytė u J. Jokubauskaitė, aġenti)

*Intervenjent insostenn tar-rikorrent:* Ir-Repubblika Ċeka (rappreżentanti: M. Smolek, J. Pavliš, O. Serdula, J. Vláčil u S. Šindelková, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2014 tat-8 ta' Novembru 2017 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq li ġarrbu l-Istati Membri fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (l-FAEG) u fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (l-FAEŻR) (ĠU 2017, L 292, p. 61), sa fejn tipprevedi li timponi fuq ir-Repubblika tal-Litwanja korrezzjoni finanzjarja ta' EUR 9 745 705,88 f'dak li jikkonċerna spejjeż fil-kuntesti tal-FAEŻR u korrezzjoni finanzjarja ta' EUR 546 351,91 f'dak li jikkonċerna spejjeż fil-kuntest tal-FAEG u tal-FAEŻR.

**Dispożittiv**

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Ir-Repubblika tal-Litwanja, minbarra l-ispejjeż tagħha għandha tbati dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*
- 3) *Ir-Repubblika Ċeka għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 112, 26.3.2018